



Brussell, 5 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6661/21

MI 125
ENT 32
CONSOM 49
SAN 100
ECO 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 5636/21 - D071420
Suġġett:	Direttiva tal-Kummissjoni (UE) .../...ta' XXX li temenda d-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri ta' limitu speċifiċi għall-anilina f'ċerti ġugarelli - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Fil-25 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Direttiva ta' hawn fuq, li temenda d-Direttiva (KE) 48/2009¹. Skont l-Artikoli 46(2) u 47(2) tagħha, il-Kummissjoni, permezz ta' proċedura regolatorja bi skrutinju, tista' tadotta valuri ta' limitu speċifiċi għal sustanzi kimiċi f'ġugarelli maħsuba għall-użu minn tfal taħt is-36 xahar jew f'ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq.

¹ Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1);

2. Skont il-proċedura fl-Artikoli 5 u 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE², tali abbozzi ta' miżuri, qabel ma jiġu adottati formalment mill-Kummissjoni, jiġu ppreżentati għal skrutinju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Skont il-proċedura ta' skrutinju, jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jopponu l-miżuri previsti mill-Kummissjoni, l-abbozz ta' Direttiva għandu jiġu adottat mill-Kummissjoni.
3. L-abbozz ta' Direttiva ta' hawn fuq huwa f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat li fis-16 ta' Diċembru 2020 ivvota favur l-abbozz ta' miżuri.
4. Fil-25 ta' Jannar 2021, id-delegazzjonijiet intalbu jindikaw sas-26 ta' Frar 2021 l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Direttiva. L-ebda delegazzjoni ma qajmet xi raġuni għal oppożizzjoni.
5. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemmx oppożizzjoni għall-abbozz ta' Direttiva, kif jinsab fid-dokument ST 5636/21, bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23). Il-verżjoni konsolidata attwali hija tat-23 ta' Lulju 2006.